MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 649/2006

**Avviz Nru: 649/06VGD**

Mobisle Communications Limited (C24655)

Vs

John Cortis

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici tablet il-hlas tas-somma ta' mitejn u erba u sebghin lira Maltin u hdax il-centezmu (Lm274.11c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond Client Contract number 1004243 in rigward

ghal servizzi lilu rezi fix-xhur bejn Lulju 2005 u Dicembru 2005, bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Marzu 2006, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dan l-Avviz, dawk ta' l-ittra ufficjali lil banek relativa ghall-imsemmi mandat, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u erbgha u sebghin lira Maltin u hdax il-centezmu (Lm274.11c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mil-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------